Nru. 18,251
Prezz/Price
€0.19 (Lm0.08)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 20 ta' Mejju, 2008
Tuesday, 20th May, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 408

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Notarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dott. Sandra Bugeja, LL.D. bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Mario Bugeja, LL.D. sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill-20 ta' Mejju, 2008 sat-28 ta' Mejju, 2008.

ALEXANDRA FARRUGIA
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

L-20 ta' Mejju, 2008

Nru. 409

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, id-19 ta' Mejju, 2008 għall-Kunsill Lokali ta' San Ġwann biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Joseph Borg huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

DIMECH MALCOLM

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

L-20 ta' Mejju, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 408

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Sandra Bugeja, LL.D. to be Notary Delegate/Conservator for Notary Dr Mario Bugeja, LL.D. during the latter's absence from these Islands from the 20th May, 2008 till the 28th May, 2008.

ALEXANDRA FARRUGIA
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

20th May, 2008

No. 409

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Monday, 19th May, 2008 for the Local Council of San Ġwann to fill the post vacated by Mr Joseph Borg is that whose name is shown hereunder:–

DIMECH MALCOLM

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

20th May, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tar-Regolament 20 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, qiegħda tiġi pubblikata ma' dan l-avviż skeda li turi n-numru ta' poloz tal-votazzjoni stampati għall-Kunsill Lokali ta' Mtarfa u n-numru li ser jitqassam f'kull kamra tal-votazzjoni ndividwali.

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In pursuance of the provisions of subsection (1) of Regulation 20 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, there is hereby published with this notice a schedule showing the number of ballot papers printed for the Local Council of Mtarfa and the number to be distributed in each individual polling booth.

SKEDA — *SCHEDULE*

Lokalità *Locality*	Poloz tal-Votazzjoni mqassma fil-Kmamar tal-Votazzjoni *Ballot Papers distributed in the Polling Booths*	Poloz tal-Votazzjoni miżmuma bħala riserva *Ballot Papers held as a reserve*	Poloz tal-Votazzjoni meqruda jew imħassra waqt l-istampar *Ballot Papers destroyed or damaged during printing*	Total ta' Poloz tal-Votazzjoni stampati *Total of* Ballot Papers printed
Mtarfa	1800	300	300	2400

Lokalità *Locality*	Kmamar tal-Votazzjoni *Polling Booths*	Poloz tal-Votazzjoni Mqassma *Ballot Papers Distributed*
Mtarfa	Minn Nru. 288 sa Nru. 290 *From No. 288 to No. 290*	600 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *600 Ballot Papers in each Booth*

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

L-20 ta' Mejju, 2008

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

20th May 2008

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Espressjoni ta' Interess:
Assistenti tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

Il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern qiegħed fil-proċess li jħejji lista ta' esperti potenzjali li jistgħu jiġu maħtura bħala Assistenti tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbiliti bl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-bidu, l-intenzjoni tal-Ministeru hija li jiġu stabbiliti ħames *panels* biex jittrattaw dwar l-oqsma u l-liġijiet li ġejjin:

Panel dwar is-Saħħa biex jittratta kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-Ordinanza dwar il-Lebbruż (Kap. 45).

Panel dwar l-Agrikoltura biex jittratta dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-leġislazzjoni li ġejja: Ordinanza dwar l-Esportazzjoni ta' Prodotti tal-Biedja (Kap. 85); l-Att dwar it-Trattament xieraq ta' l-Annimali (Kap. 439); u r-Regolamenti dwar l-Importazzjoni ta' Klieb u Qtates (L.S 36.42).

Panel dwar il-Prodotti u Servizzi biex jittratta dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-leġislazzjoni li ġejja: L-Ordinanza dwar l-Ispirti (Kap. 41); L-Att dwar l-Inbid (Kap. 436); Ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bejgħ tal-Bajd (L.S.117.17); Ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Pitrolju (L.S. 117.18); u l-*Airport (Groundhandling Services) Regulations* (L.S 232.15).

Panel dwar it-Trasport biex jittratta dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur (L.S 65.19).

Panel ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali biex jittratta dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt leġislazzjoni li ġejja: l-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi (Kap. 442); ir-Regolamenti dwar Esplożivi Ċivili (L.S. 33.04); ir-Regolamenti dwar il-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta (L.S 92.03); u r-Regolamenti dwar il-Bibljoteka Pubblika ta' Malta (L.S 92.06).

Dawk il-persuni li għandhom il-kwalifiki meħtieġa stabbiliti bil-liġijiet fuq imsemmija u li jixtiequ jissottomettu espressjoni ta' interess biex jaġixxu bħala Assistent tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandhom jibgħatu s-sottomissjonijiet tagħhom sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, it-13 ta' Ġunju, 2008 fl-indirizz li ġej:

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Expression of Interest:
Assistants of the Administrative Review Tribunal

The Ministry for Justice and Home Affairs is in the process of compiling a list of potential experts who can be appointed as Assistants of the Administrative Review Tribunal established by the Administrative Justice Act, Chapter 490 of the Laws of Malta. Initially, it is the intention of the Ministry to establish five panels to deal with the following subject areas and laws:

Health Panel to deal with disputes under the Lepers Ordinance (Cap. 45).

Agriculture Panel to deal with disputes under the following legislation: Agriculture Produce (Export) Ordinance (Cap. 85); Animal Welfare Act (Cap. 439); and Importation of Dogs and Cats Regulations (S.L. 36.42).

Products and Services Panel to deal with disputes under the following legislation: Spirits Ordinance (Cap. 41); Wine Act (Cap. 436); Control of the Sale of Egg Regulations (S.L. 117.17); Control of the Kerosene Regulations (S.L. 117.18); and Airport (Ground handling Services) Regulations (S.L. 232.15)

Transport Panel to deal with disputes under the Motor Vehicles (Carriage of Goods By Road) Regulations (S.L. 65.19).

General Jurisdiction Panel to deal with disputes under the following legislation: Co-operative Societies Act (Cap. 442); Civil Explosives Regulations (S.L. 33.04); National Malta Library Regulations (S.L. 92.03); and Malta Public Library Regulations (S.L. 92.06).

Those persons who have the necessary qualifications laid down by the above-mentioned laws who wish to submit an expression of interest to act as an Assistant of the Administrative Review Tribunal should send their submissions by not later than Friday, 13th June, 2008 to the following address:

Is-Segretarju Permanenti
Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
House of Catalunya
Triq Marsamxett
Valletta VLT 1521
Tel: 22957000
Fax: 22957149

Permanent Secretary
Ministry of Justice and Home Affairs
House of Catalunya
Marsamxett Road
Valletta VLT 1521
Tel: 22957000
Fax: 22957149

Is-sottomissjonijiet għandhom jinkludu *curriculum vitae* dettaljat kif ukoll dettalji meħtieġa ta' kuntatt (indirizz ta' l-uffiċċju, indirizz elettroniku, *fax*, numru tat-telefon ta' l-uffiċċju, numru tat-telefon ċelullari).

Submissions are to include a detailed *curriculum vitae* as well as the necessary contact details (office address, e-mail address, fax, office telephone no., mobile phone no.).

It-test tal-liġijiet ta' hawn fuq jinsab fi: http://www.mjha.gov.mt/services/legal.html

The text of the above laws is available at: http://www.mjha.gov.mt/services/legal.html

L-20 ta' Mejju, 2008

20th May, 2008

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

810

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Diċembru 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 11th December 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Valhmor Borg Import Export Limited C3062 ta' Pinto Wharf, Marsa ppreżentaw Talba fl-20 ta' Awissu 2007 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Hotel Resort Operators Limited bħala d-debitur prinċipali u Claudia u Rosario konjugi Tabone bħala garanti flimkien u in solidum mad-debitur priċipali ta' Villa Clarosa, Ta' Xmiexi Street, Msida, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €6,267.99 (Lm2,690.85) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Valhmor Borg Import Export Limited C3062 of Pinto Wharf, Marsa filed a Claim on the 20th August 2007, whereby they asked the Court to condemn Hotel Operators Limited as main debtor and Claudia and Rosario spouses Tabone as surety together and in solidum with the main debtor of Villa Clarosa, Ta' Xmiexi Street, Msida, to pay the plaintiff company the sum of €6,267.99 (Lm2,690.85) which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

With costs and legal interests.

Il-kawża (Avviż Nru. 254/07SM) hija differita għas-27 ta' Mejju 2008 fid-9.00 a.m.

The case (Notice Number 254/07SM) is put off to the 27th May 2008 at 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 19 ta' Mejju 2008.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 19th May 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*